MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1162/2003/2

**Lt. Col. Gustav Caruana f'ismu u in rapprezentanza ta' Captain A. Caruana Limited Est. 1894 u b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Carol Demajo nee` Caruana stante l-mewt tal-attur**

**v.**

**Air Supplies and Catering Company Limited liema kumpanija llum hija maghrufa bhala "The Nuance Group (Malta) Limited", skont digriet tad-19 ta' Lulju 2006**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-3 ta' Novembru 2003, li taqra hekk:

"1. Peress illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sitta u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm15,986.36), rappresentanti l-prezz ta' merkanzija fornita mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.
"2. Peress illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Awissu 2003 – Dok C1 – id-debituri baqghu inadempjenti.

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sitta u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm15,986.36), rappresentanti merkanzija mibjugha lilhom.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 2003 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

"2. Subordinatament il-kumpanija konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur Lt. Col Gustav Caruana proprio.

"3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet ma kien hemm l-ebda fornitura ta' merkanzija b'obbligu ta' hlas kif kellu jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

"4. Illi kif kellu jigu pruvat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza l-kumpanija konvenuta ma kellha ghandha taghti ebda somma lill-attur pro et noe."

Rat illi b'sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru 2004, giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, izda laqghet it-tieni eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku bejn l-attur Lt. Col. Gustav Caruana proprio u s-socjeta` konvenuta, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza; l-ispejjez jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet;

Rat li wara appell mis-socjeta` konvenuta, din il-Qorti, b'sentenza b'moghtija fis-27 ta' Mejju 2005, ddecidiet illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti inkwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi kkonfermata, u b'hekk cahdet l-appell tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez tal-appell ghas-socjeta` konvenuta appellanti;

Rat is-sentenza fil-meritu li tat l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 2009, li in forza taghha laqghet it-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, bir-rizultat li cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta' dik il-procedura kontra s-socjeta` attrici;

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza tat-18 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet premessi dan billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta."

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi l-appell tal-attrici ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Rat li fl-udjenza mizmuma fit-2 ta' Ottubru 2012, quddiem din il-Qorti, il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' merkanzija li allegatament bieghet lis-socjeta` konvenuta tul medda ta' snin; is-socjeta` konvenuta eccepiet li hi ma xtrat ebda merkanzija minghand is-socjeta` attrici, izda l-prodotti gew lilha moghtija *'on consignment basis'*, bil-konsegwenza li hi ghandha obbligu li thallas biss ghal dawk il-prodotti li jirnexxilha tbiegh lil terzi. Hu ovvju li din il-kawza hi bbazata fuq apprezzament tal-provi biex jigi deciz x'kienet in-natura tan-negozju li sehh bejn il-partijiet. L-ewwel Qorti, li semghet il-provi hi stess, ikkonkludiet, b'adezzjoni mal-veduta tas-socjeta` konvenuta, li n-negozju kien wiehed *'on consignment',* u la darba ma saritx prova tal-bejgh tal-merkanzija mis-socjeta` konvenuta lill-terzi cahdet it-talba attrici.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza u qed tinsisti li n-negozju bejnha u s-socjeta` konvenuta kien wiehed semplici ta' bejgh, u ghalhekk it-talba taghha kellha tigi milqugha. Is-socjeta` attrici, bazikament, qed tikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Din il-Qorti ezaminat il-provi hi fid-dawl tal-principju, ben stabbilit, li f'kaz ta' provi li jistghu jigu interpretati kemm favur parti u kemm favur ohra, ma tiddisturbax leggerment l-analizi tal-provi li tkun ghamlet *'the trial court'*.

Fid-dawl tan-natura tat-talbiet attrici, bazati kif inhuma fuq allegazzjoni ta' bejgh ("prezz ta' merkanzija"), hu car li kien dmir tas-socjeta` attrici li tipprova, fl-ewwel lok, li kien hemm bejgh. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' merkanzija konsenjata lis-socjeta` konvenuta, u allura hi trid tipprova l-bazi tal-azzjoni taghha, u cioe` li kien hemm bejgh u konsenja.

Hi tghid li kien hemm "fornitura ta' merkanzija…b'obbligu ta' hlas", u hu dan li trid tipprova. Is-socjeta` attrici ma

tistax tippretendi li s-socjeta` konvenuta kellha tipprova hi l-allegazzjoni taghha li n-negozju kien *“on consignment”,* u dan qabel mas-socjeta` attrici tipprova hi l-bazi tal-azzjoni taghha. Il-prova, fil-principju, trid issir mill-attur, ghax hu l-attur li qed jadixxi l-Qorti biex jitlob protezzjoni tad-drittijiet li jippretendi li ghandu. Ovvjament, jekk il-konvenut jallega fatt li bih ikun jista’ jiskossa t-tezi attrici, ikollu obbligu li jipprova hu dak il-fatt; izda l-prova tal-bazi tal-azzjoni trid issir l-ewwel mill-attur. Hekk, il-prova tal-pagament trid issir mid-debitur li jallegaha, pero`, qabel xejn l-attur irid jipprova li hu kreditur tas-somma minnu mitluba, u l-attur ma jistax jippretendi decizjoni favorevoli ghalih jekk ma jippruvax il-kreditu minnu pretiz.

F’dan il-kaz, is-socjeta` attrici ressqet kontijiet li juru li skont hi ghandha tiehu s-somma mitluba fl-att tac-citazzjoni. Dawn l-i*statements*, ikkonfermati bil-gurament (u hawn il-Qorti trid tirrimarka dwar il-validita` ta’ din il-‘prova’ meta *ex admissis* is-socjeta` attrici inharqulha d-dokumenti kollha relatati mal-konsenji inkwistjoni!), jistghu juru li, jekk kien hemm bejgh, il-bilanc dovut huwa verament dak li johrog minn dawk l-i*statements*. Dan pero`, mhux bizzejjed biex tirnexxi l-kawza attrici. Is-socjeta` attrici ma tistax targumenta li l-ewwel Qorti “kellha l-obbligu li taccettahom bhala l-ahjar prova” taghha. Apparti r-rizerva li esprimiet din il-Qorti dwar il-konkretezza ta’ dik il-‘prova’, dawk l-i*statements* ma jurux li n-negozju ta’ bejn il-partijiet kien wiehed ta’ bejgh izda juru biss il-prezz tal-prodotti konsenjati lis-socjeta` konvenuta – taht liema titolu saret il-konsenja ma jurux. Dawn l-i*statements* inhargu unilateralment mis-socjeta` attrici li qed tippretendi l-hlas, u ma jidhirx li gew accettati mill-allegat debitur bhala li jirrispekkjaw ir-rizultat ta’ negozju ta’ bejgh.

Din il-Qorti, kif gia` gie osservat, ezaminat il-provi biex tara’ ghandhiex tbiddel id-decizjoni tal-ewwel Qorti, haga li, f’kull kaz, tqis li difficli taghmel meta din il-Qorti, fis-sentenza preliminari taghha tas-27 ta’ Mejju 2005, qalet bla tlaqlieq li:

***“matul is-smiegh tax-xhieda rrizulta b’mod car li t-trattativi ta’ bejn il-partijiet kienu ‘on consignment basis’.”***

Din id-decizjoni ta’ din il-Qorti hi marbuta mal-gudikat li bih cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta` konvenuta, u difficli li, issa, din il-Qorti tiddeciedi mod iehor. Apparti dan, hemm ix-xhieda ta’ Simon Farrugia, skrivan fuq *accounts* mas-socjeta` attrici, li xehed li *“il-bejgh kien isir ‘on consignment basis’”,* u ta’ David Demajo, ufficjal mas-socjeta` attrici, li xehed li *“il-procedura kienet normalment ‘on consignment’… Nikkonferma li fil-fatt l-obbligazzjoni tal-hlas kien meta l-oggetti jinbieghu”.*

Is-socjeta` attrici ma tistax tiehu vantagg mill-fatt li inharqulha d-dokumenti rilevanti; f’cirkostanzi simili, setghet tutilizza elementi ohra probatorji, izda dejjem iridu jkunu provi li jservu ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant, u f’dan il-kaz, il-provi kollha, fl-assjem taghhom, ma jsostnux il-fatti li huma a bazi tal-azzjoni attrici.

Kwindi, fin-nuqqas ta’ prova li l-oggetti nbieghu, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Is-socjeta` attrici ma kellhiex turi biss li l-prodotti gew konsenjati lis-socjeta` konvenuta, izda wkoll li din innegozjathom u bieghethom lil-terzi, u din l-ahhar prova ma sartix.

Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Briffa v. Gauci**, deciza fit-22 ta’ Gunju 2005, meta jkun il-kaz ta’ negozju ta’ dan it-tip, dak in-negozju ghandu l-fattispecie partikolari tieghu:
*“Kif definit mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Ruggier et v. Francis Refalo****, 18 ta’ Frar 1965 (****Kollez. Vol. XLIX P III p1128****), b’abbracc tal-enuncjazzjoni tal-istess Qorti fid-decizjoni riportata a* ***Vol. XXXV P III p574****, citata wkoll mit-Tribunal, “il-kuntratt ta’ spedizzjoni ta’ merci on consignment huwa kuntratt mhux ta’ bejgh imma pjuttost ta’ kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx.”*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza sad-decizjoni ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Mejju 2005, jithallsu kif gia` deciz, waqt li dawk marbuta u relatati mal-kawza minn wara dik is-sentenza sal-lum jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------